5758

Numru: 789

Rejgh

Nutar

26-12-89

Kuntratt fil-Vol. 'I' 21843/89

Illum l-Ħamsin (20) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989).

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani dehru personalment u identifikaw ruħhom bid-dokumenti hawn taħt indikati:-

Min-naħa l-waħda:-

Francis Attard, supervisor, bin il-mejtin John u Bernarda nee` Xuereb, imwieled u joqgħod ix-Xewkija, Għawdex (Karta ta` Identità` Numru: 5(G)) li qed tidher jidher fuq dana l-att ghan-nom ta` Emanuel, labourer; Maria mart Emanuel Fenech; Joseph, labourer; John, labourer; u Loreto, labourer, aħwa Xerri, wlied il-mejtin Antonio Xerri u Loreta nee` Spiteri, imweldin ilkoll Għajnsielem, Għawdex u joqgħodu New South Wales, l-Awstralja, kif ukoll għan-nom ta` Carmelo Xerri, labourer, bin il-mejtin Antonio Xuereb u Victoria nee` Fenech, imwieled Għajnsielem, Għawdex u joqgħod New South Wales, l-Awstralja, debitament kostitwit bil-Prokura annessa ma` att tiegħi tal-erbgħa (4) ta` Jannar tal-elf disa` mija u disgħa u tmenin (1989) - hawn taħt imsejjaħ "Il-Venditur Nomine".

U min-naħa l-oħra:

Loreta armla ta` John Meilak, bint il-mejtin Guzeppi Xuereb u Carmela nee` Farrugia, imwielda u toqgħod Għajnsielem, Għawdex (Karta ta` Identità` Numru:64721(G)) li qed tidher fuq dana l-att għan-nom u fl-interess ta` Mary Rose mart John Haber, bint il-mejjet John Meilak u Loreta nee` Xuereb, imwielda Għajnsielem, Għawdex u toqgħod New Jersey, l-Istati Uniti tal-Amerika, debitament kostitwita bil-Prokura hawn anessa u markata Dokument "A" - hawn taħt imsemmi: "Il-Kompratrici Nomine". L-imsemmija Mary Rose hija ċittadina Amerikana pero hija lzzewget hawn Malta lill-imsemmi John Haber, li huwa ċittadin ta` Malta u għalhekk għadha topera bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti skond il-Ligi.

Minni Nutar magħrufin.

Bis-saħħa ta` dan l-att il-venditur "nomine" qiegħed ibiegħ u jittrasferixxi favur il-kompratrici "nomine" li taċċetta, tixtri u takkwista porzjoni diviża mill-

5759

Arkivre Arkivre

mandra gia annessa mal-fond numru tnejn u tletin, tlieta u tletin u erbgha u tletin (32; 33 ; 34 ) Garden Street, Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta` cirka mitejn metri kwadri (200 m.k.) u tmiss mil-lvant ma` triq gdida progettata li tisporgi f`Garden Street, tramuntana ma` beni ta` Clement Zerafa, u nofsinhar ma` beni ta` Raymond Calleja, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u kif ahjar murija fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata Dokument "B" delinejata bil-kulur ahmar.

Arkivre Arkivre

Dan il-bejgh qieghed isir u jigi accettat bil-prezz ta` erbat elef lira Maltin (LM4,000) li qed jithallsu presenzialment u tal-istess qed tithalla d-debita ricevuta fuq dana l-istess att.

In garanzija tal-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobili hawn trasferit, il-venditur "nomine" qieghed jipoteka favur il-kompratrici "nomine" accettanti l-beni tieghu "nomine" kollha prezenti u futuri.

Arkivre Arkivre

Ghall-fini tal-att numru sebgha u erbghin tal-elf disa` mija u tlieta u sebghin (XLVII\1973) jidhol fil-kamp tal-immobili in "vendita" jikkonsta kamp mill-immobili akbar li ippervena lill-venditur "nomine" mill-wirt u successjoni ta` Antonio u Victoria gia konjugi Xerri li mietu fis-sitta (6) t` Ottubru tal-elf disa` mija u sitta u sebghin (1976) u fil-hamsa (5) t`Awwissu tal-elf disa` mija u wiehed u tmenin (1981) u l-Permessi relattivi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinsabu hawn annessi u markati Dokument "C" u "D" rispettivament.

Arkivre Arkivre

Ghar-raguni fuq esposta jiena Nutar sottofirmat niddikjara li t-trasferiment odjern mhux imqabbad ghat-termini tal-Artiklu 291 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u cioe` ghall-finijiet tal-Att.

Arkivre Arkivre

Dan l-att huwa soggett ghal mija u tnejn u erbghin lira Maltin (LM142) taxxa "ad Valorem".

Ghal kull buon fini qed jigi anness ma` dana l-att il-Permess relattiv mahrug mill-Bank Centrali ta` Malta li jawtorizza pagament ta` flus lil persuni mhux residenti f`Malta, markat Dokument "E".